**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1135/97

Santo sive Sunny Attard

vs

Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Ghajnuna Socjali u l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li giet kjamata fir-rikors b' digriet tat-3 ta' Frar, 2000.

Illum 20 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 u l-1993 huwa sofra ingustizzja fis-sens li ma nghatax ix-xoghol li kien kwalifikat ghalih u li kien qed jirregistra ghalih.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Illi huwa kien impjegat mal-Hotel Phoenicia bhala Chief Security Officer/Time keeper ghal madwar 20 sena sa ma din l-istess lukanda ghalqet fl-1990.

Illi appena spicca minn dan ix-xoghol huwa beda jirregistra biex jinghata xoghol alternattiv bhala security guard.

Illi dik is-sena stess inholqu vakanzi ghal security guards fl-Isptar San Luqa, fil-Freeport u fl-Isptar San Vincenz De Paule.

Illi minhabba f’dan huwa baqa’ minghajr impjieg 3 snin u 8 xhur sakemm inghata xoghol mal-Korporazzjoni Telemalta.

Illi fiz-zmien li dam jirregistra u ghalhekk minghajr impjieg qatt ma gie offrut xi forma ta’ impjieg.

Ghaldaqstant huwa hass illi kien hemm diskriminazzjoni fl-ghoti ta’ impjieg li kien kwalifikat u qed jirregistra ghalih u b’hekk sofra danni morali u anke finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib in sostenn tal-ilmenti tieghu ix-xhieda indikati fl-elenku anness.

Ghaldaqstant huwa talab lit-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar l-ilmenti tieghu skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, li ir-rikorrenti ghandu jitqies li

kien jisthoqqlu u li kien eligibbli ghax-xoghol kif jinghad fuq u ghalhekk jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kumpensat ghal dak kollu li sofra skond kif jiddeciedi l-istess Tribunal jew inkella jekk dak ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jinghata kumpens f'ammont li jigi komputat li taghmel tajjeb ghat-telf tieghu minhabba dan in-nuqqas.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Ghajnuna Socjali li eccepixxa:

Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti u f'kull kaz it-talba tieghu ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' dana t-Tribunal.

Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimati.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li eccepiet:

Illi l-kaz in kwantu jirreferi ghalihom ma ghandux jinstema' stante illi ddekada t-terminu li fih kellhom jigu ntavolati l-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju l-kaz ma jaqax fid-diskrezzjoni tat-Tribunal.

Illi minghajr pregudizju l-allegazzjonijiet tar-rikorrent in kwantu jirreferu ghar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Korporazzjoni dejjem imxiet skond il-ligi fir-rigward tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fit-23 ta' Marzu, 2000 il-Korporazzjoni kjamata fil-kawza irtirat it-tieni eccezzjoni.

Illi din id-decizzjoni tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza u cioe' li l-kaz in kwantu jirreferi ghalihom ma ghandux jinstema' stante illi ddekada t-terminu li fih kellhom jigu ntavolati l-proceduri.

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie presentat fl-1 ta' Dicembru,1997;

2. Ir-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni li tirregola d-dhul fl-impiegi fit-2 ta' Frar, 2000 liema talba giet milqugha mit-Tribunal fit-3 ta' Frar, 2000;
3. Il-Korporazzjoni giet notifikata fid-9 ta' Frar, 2000 u fil-15 ta' Frar, 2000 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa kien fit-2 ta' Frar 2000 li r-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni. u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku il-Korporazzjoni kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni, it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attur, izda f'dan il-kaz, il-Korporazzjoni kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-

Tribunal hi gustifikata ghax l-istess Korporazzjoni giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra l-Korporazzjoni kjamata fil-kawza fit-2 ta' Frar, 2000 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija Korporazzjoni ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati. [Ara wkoll Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et 22/6/00, Caruana Victor vs Dipartiment tax-Xogholijiet 1/11/00, Alfred McIntyre vs Kalaxlokk Company Limited et 7/11/00]

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza u jilliberha. Jordna li l-ilment jibqa' jigi investigat fil-konfront tal-intimat l-iehor biss.

Spejjez ta' dawn il-proceduri kontra r-rikorrenti.

Jinnomina lil Dr Y Cassar bhala Assistant Gudizzjarju. Tibqa' differita ghall-provi tar-rikorrent. Fuq il-long list ghall-24 ta' Mejju, 2000.